# Dan jista' jkun ta' għajnuna għalik meta tivvota

**X'għandek tgħid lill-uffiċjal tal-votazzjoni. Għid lill-uffiċjal mal-mejda tal-votazzjoni ismek sħiħ (kunjomok u l-ismijiet kollha) u l-indirizz tiegħek**.
L-uffiċjal jiċċekkja l-lista biex jara jekk ismek hux imniżżel u li int tkun tista' tivvota. Jekk hemm bżonn inti tkun tista' tikteb dawn id-dettalji fuq biċċa karta u tagħtiha lill-uffiċjal mal-mejda.

### Karti tal-voti

L-uffiċjal imbagħad jagħtik karta tal-votazzjoni.

Ħu l-karta tal-votazzjoni f'post fejn tivvota fil-post tal-votazzjoni fejn tkun tista' tniżżel lil min se tivvota fil-privatezza.

### Kif Tivvota b'Mod Formali

Biex tivvota formalment għandek issegwi l-istruzzjonijiet fuq il-karta tal-votazzjoni.

### Il-Kaxxa tal-Vot

Meta tispiċċa timmarka l-karti tal-voti itwiehom ħalli l-voti ma jkunux jistgħu jidhru u poġġihom fil-kaxxi proprji kif tkun se toħroġ mill-post tal-vot.

### Ismek mhux fil-lista tal-votanti

Jekk ismek mhux fil-lista tal-votanti jew ismek ġie immarkat bħala li diġa ivvutajt bi żball mill-uffiċjal inti xorta tkun intitolat li tivvota u tkun tista' tapplika għal dak li jgħidulu Section Vote. Inti tiġi mgħoti invilopp, li jkun fih dikjarazzjoni, fejn l-uffiċjal jimliha għalik u jsaqsik tiffirma. Imbagħad l-uffiċjal jara li inti tkun iffirmjat ismek, iżomm l-invilopp u jagħtik il-karti tal-voti tiegħek. Kif tispiċċa timlihom irritornahom lura lill-uffiċjal. L-uffiċjal ipoġġi l-karti mitwija fl-invilopp, jissiġillaħ u jpoġġiħ fil-kaxxa tal-voti.

### Vot Sigriet

Ħadd ma hu intitolat ikun jaf kif ivvutajt. Hemm xi eletturi li jinsabu ikkonċernati li meta jpoġġu l-karti tal-vot f'xi invilopp li huma jkunu iffirmaw dan jippermetti l'xi persuna tidentifika kif ikunu ivvutaw.

Ir-Returning Officer biss jew xi uffiċjal magħżul apposta fil-preżenza ta' l-Iskrutinaturi jista' jiftaħ dawn l-inviloppi. Direzzjonijiet speċjali huma mogħtija kif dawn il-karti tal-voti għandhom jiġu ittrattati li jinvolvi kif dawn għandhom jiġu maħruġa mill-invilopp u t-tpoġġija immedjata tagħhom fil-kaxxa tal-voti.

### Għajnuna Speċjali

Nies li ma jafux la jiktbu u lanqas jaqraw l-istruzzjonijiet, jew li jsofru b'xi diżabbiltà jistgħu jirranġaw ma' xi ħabib jew membru tal-familja biex jgħinhom jivvutaw. Dawn jistgħu wkoll jitolbu għajnuna mingħand xi uffiċjal.

### Karti tal-vot imħassra

Jekk, bi żball jew xi aċċident ieħor il-karta tal-vot tiegħek tkun tħassret, tqattaħiex jew tarmijiex, irritornha lill-uffiċjal ta' l-elezzjoni biex jagħtik oħra.

MALTESE

**Jekk Ikollok bżonn l-Għajnuna**
Jekk ikollok bżonn l-għajnuna jew jekk ma tifhimx kif għandek timmarka l-karti tal-votazzjoni, staqsi lil uffiċjal tal-votazzjoni.

**Telephone Interpreting Service (Servizz ta' Interpretar bit-Telefon)**
Ċempel 131 14 50 biex tingħata għajnuna f'kull lingwa b'xejn.

Operatur jirranġa għal interpretu fil-lingwa mitluba biex jingħaqad f'konverżazzjoni bejn tliet persuni ma' uffiċjal ta' l-elezzjoni u jkunu mwieġba mistoqsijiet bil-lingwa tiegħek.